

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Ottubru 2007 Bellantone vs Il-Qorti tal-Awdituri

(Kawża F-85/06) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Aġent temporanju maħtur uffiċjal — Ħlas ta' tmiem ta' ingaġġ — Għotja għat-tluq — Allowance ta' sussistenza ta' kuljum — Dannu materjali)

(2007/C 283/75)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Gerardo Bellantone (Lussemburgu, Il-Lussemburgu) [rappreżentanti: T. Bontinck u J. Feld, avvocats]

Konvenuta: Il-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: T. Kennedy, J.-M. Stenier u G. Corstens, aġenti]

Suġġett tal-kawża

Min-naħa, l-annullament tad-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Qorti ta' l-Awdituri tat-30 ta' Marzu 2006, li tiċħad it-talba tar-rikorrenti, ex aġent temporanju li nħatar uffiċjal, intiż li jk-seb il-ħlas tal-bilanċ ta' l-allowance minflok il-ħlas ta' tmiem ta' ingaġġ, ta' l-għotja għat-tluq, u ta' l-allowance tas-sussistenza ta' kuljum u, min-naħa l-oħra, talba għal danni.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) G. Bellantone għandu jbati t-tliet kwarti ta' l-ispejjeż tiegħu.
- 3) Il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbat, barra mill-ispejjeż tagħha, kwart mill-ispejjeż ta' G. Bellantone.

⁽¹⁾ ĠU C 237, 30.9.2006, p. 18.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Settembru 2007 — O'Connor vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-12/07) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Aġenti oħra — Kuntratti suċċessivi ta' aġent temporanju, awżiljarju u kuntrattwali — Perijodu massimu għall-għoti ta' benefiċċju għall-qgħad — Ammissibbiltà)

(2007/C 283/76)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Elizabeth O'Connor (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avvocati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u M. Velardo, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

L-annullament tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi bħala 11-il xhar u 25 ġurnata minnflok 17,83-il xhar il-perijodu massimu għall-għoti ta' benefiċċju għall-qgħad tar-rikorrenti, ex aġent tal-Kummissjoni li kienet impjegata minn din ta' l-aħħar permezz ta' kuntratti differenti bħala aġent temporanju, awżiljarju u kuntrattwali mis-16 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2005.

Dispożittiv tad-digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud parzjalment bħala manifestament inammissibbli u parzjalment bħala manifestament infondata.
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbat l-ispejjeż kollha, inklużi dawk li r-rikorrenti sostniet eventwalment fil-kuntest tat-talba tagħha għal għajjnuna legali.

⁽¹⁾ ĠU L 95, 28.4.2007, p. 57.